TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 80/19/S

William Grech
vs
Continental Cars Ltd

Illum, 24 ta' Settembru, 2020.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-16 ta' Lulju, 2019 u r-Risposta ppreżentata fit-13 t' Awwissu, 2019;

Ra d-dokumentazzjoni ippreżentata, sema' x-xhieda kollha, sema' lill-partijiet u s-sottomissjonijiet relattivi, u ra li fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2019, il-każ tħalla għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba, ir-rikorrent qiegħed jitlob is-somma ta' tlitt elef u hames mitt Ewro (€3500.00) *stante* li qed tinxteghlu bozza li hi d-DPF (Diesel Particle Filter) fil-vettura gdida tal-għamla u mudell *Seat Toledo Diesel*. Ir-rikorrent qed jitlob li jekk il-vettura tieghu tieqaf, din terga' tingab kif inhi meta inxtrat a spejjez tas-socjeta intimata.

Illi permezz tar-Risposta, is-soċjetà intimata eċċepiet li t-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-vettura m'ghandha ebda difett.

Illi qabel xejn, mill-provi jirrizulta li d-DPF hu mekkanizmu *standard* fil-vetturi tat-tip *diesel*. Ir-rapprezentant tas-socjeta intimata spjega kif jahdem dan id-DPF u x'ghandu jaghmel sewwieq biex jevita li jkollha ssir *re-generation* sfurzata u cioe bil-kompjuter.

Illi mix-xhieda ta' William Grech stess, jirrizulta li l-fatt li bdiet tixghel il-bozza tad-DPF, dan mhuwiex xi difett li jezisti fil-vettura tieghu. Fil-fatt ma tressqux provi mill-istess rikorrent li jikkonfermaw li l-vettura tieghi ghandha difett.

Illi ma tressqet ebda prova daparti tar-rikorrent li l-vettura hi difettuza u konsegwentement ghandha tintlaqa' t-talba tieghu.
Illi għalhekk, it-Tribunal ma jinsabx konvint li t-talbiet tal-attur jimmeritaw li jiġu milqugħa.

Deċide
Għaldaqstant, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li sema' lill-partijiet, wara li ħa konjizzjoni tal-provi kollha, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrent u jilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata.
It-Tribunal jordna li kull parti ghandha tħallas l-ispejjeż relattivi.

Richard Sladden Av.
ARBITRU